MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2012

Avviz Numru. 165/2011

**F. Advertising Limited**
**vs**
**Conrad u Romina konjugi Pace**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici kif ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-tlieta w ghoxrin (23) ta' Mejju, 2011 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallsuha s-somma ta' sebat elef, tmien mija sebgha u erbghin Ewro (€7,847) rapprezentanti ammont dovut minnhom in konnessjoni ma' servizzi debitament rezi fuq inkarigu taghhom ai termini ta' skrittura privata iffirmata minnhom u datata tnax (12) ta' Gunju, 2009.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali prezentata a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta datata ghoxrin (20) ta' Jannar, 2011 u ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat ma' dan l-att u bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data tal-ittra ufficcjali

sal-hlas effettiv ghas-saldu kontra l-konvenuti minn issa ngunti personalment ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti kienu debitament notifikati skond riferta pozittiva tal-Marixxall Julian Caruana datata 2 ta’ Dicembru 2011 fejn thalliet kopja ta’ l-avviz fil-Kunsill lokali taz-Zurrieq, fl-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq u kif ukoll fl-indirizz tal-konvenuti kif moghti fir-rikors promotur mis-socjeta’ attrici (fol. 15 tergo).

Rat illi l-konvenuti gew notifikati b’dan ir-rikors permezz ta’ avviz li deher fil-gazzetta tal-Gvern datat 12 ta’ Dicembru 2011 (fol. 17) u fil-gazzetta lokali *The Times* datat 14 ta’Jannar 2012 (fol. 20).

Rat illi fis-seduta tat-23 ta’ Mejju 2012 il-konvenuti gew imsejha izda ma dehrux, la biex jikkontestaw t-talba attrici u lanqas biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Rat illi fis-seduta tat-23 ta’ Mejju 2012 is-socjeta’ attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenuti.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta’ attrici jghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qeghda tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill- konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sebat elef, tmien mija sebgha u erbghin Ewro (€7,847) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjez inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali li saret ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Mandat kawtelatorju prezentat kontestwalment mar-rikors promotur a karigu tal-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------